# Patri Wistin Born O.P.

**Alfred Massa**



Ċertament kulmin jiftakar il-bidu tax-xandir f'pajjiżna ma jistax ma ma jiftakarx lil Harry Born, jew aħjar Patri Wistin Born, Dumnikan. Ma ninsewx li dak iż-żmien il-patrijiet u s-sorijiet kienu jibdlulhom isimhom meta kienu jissieħbu f'xi Ordni partikolari. Jiena niftakru sewwa f'*Rediffusion House* Gwardamanġa fejn l-aktar fis-sittinijiet kien Kap tal-Programmi. Kien bniedem bravu, imma umli u lest dejjem biex jgħin lil kulmin kien jersaq lejh għal xi parir. B'hekk, *Father Born* (kif kien magħruf l-aktar) ġibed lejh l-imħabba u r-rispett ta' kulmin kien jafu.

Harry Born twieled il-Kalkara fir-23 ta' Mejju 1910. Huwa ngħaqad fl-Ordni tal-Predikaturi fl-1926 u ta' 23 sena, proprju nhar Santa Marija, qaddes l-ewwel quddiesa solenni tiegħu. Bejn l-1941 u l-1946 serva bħala kappillan militari bir-rank ta' Maġġur u kien saħansitra dekorat bil-Midalja *Africa Star, Defence, War and Victory.*

Il-ħajja letterarja tiegħu nistgħu ngħidu bdiet wara li ssieħeb fl-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1937. Minn hemm wera ġibda kbira lejn ilsienna u taha għall-kitba. Kiteb kemm poeżija, kif ukoll proża u drama. Imma l-akbar ġibda li kellu kienet lejn l-aħħar fergħa letterarja. Hekk kien qalli meta mort nintervistah fil-kamra tiegħu fil-Kunvent ta' San Duminku (Ġesù Nazzarenu) f'Tas-Sliema għall-Paġna Letterarja tal-ġurnal **Il-Ħajja**; intervista li kienet ippubblikata fl-istess ġurnal fis-17 ta' Jannar 1977.

Fil-fatt ir-radjudrammi tiegħu ***Il-Familja Maltija***, ***Wara l-Ħitan tas-Sejjieħ*** u ***Spiru Ċefai wara l-Gwerra*** kienu jsammru tant eluf ta' semmiegħa mas-settijiet tar-*Rediffusion*. Veru li dak iż-żmien ma kellniex la televiżjoni u lanqas radjijiet kif għandna llum, imma l-mod kif *Fr. Born* kien jinseġ dawk id-drammi kien tabilħaqq joħloq interess fis-semmgħa ta' kull etaÏ. Naturalment, Patri Wistin kiteb ukoll għadd ġmielu ta' radjudrammi oħra kif ukoll drammi għall-palk li dak iż-żmien kienu jittellgħu fuq il-palk l-aktar fid-*Deporres Hall* ġewwa Tas-





Sliema, bieb ma' bieb mal-kunvent tad-Dumnikani.

Patri Wistin Born ħallielna wkoll rumanzi, novelli u kritika letterarja. Fil-qasam tal-proża r-rumanz kien jogħġbu ħafna. Ippubblika ħames rumanzi: ***Is-Salib tal-Fidda*** (1939); ***Marda bla Fejqan*** (1962); ***Mhux il-Faqar*** (2 volumi, 1972 u 1973); ***Meme` Grech – Detektiv Privat*** (1986) u **Jum it-Tama** (1995) ippublikat wara mewtu. Irrid ngħid ukoll li flimkien ma' Patri Beneditt Fsadni O.P. ippubblika l-bijografija **Il-Ħajja ta' Thomas More** (1935). Naħseb li ħafna jaqblu miegħi li l-aktar rumanz li baqa' msemmi għalih huwa l-ewwel wieħed ***Is-Salib tal-Fidda***; anki jekk għall-awtur l-aktar favorit kien ***Mhux il-Faqar*** (Ara l-intervista li semmejt aktar 'il fuq).

Naf żgur, għax meta darba oħra ltqajt miegħu fl-istess kunvent ġewwa Tas-Sliema, Patri Wistin urieni numru sostanzjali ta' poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż. Għalkemm uħud minnhom kienu ippubblikati f'rivisti u f'ġurnali lokali, iżda qatt ma nġabru fi ktieb. Għalhekk, naħseb li tkun ħaġa xierqa li l-Provinċja Dumnikana f'Malta dawn il-poeżiji tiġborhom fi ktieb u toħroġhom għad-dawl. L-aktar f'din is-sena meta qed jitfakkar iċ-ċentinarju tat-twelid tiegħu. Kien qalli wkoll li kellu xi rumanz bl-Ingliż li baqa' sal-lum ma rax id-dawl.

Patri Born wera interess kbir fl-Għaqda Poeti Maltin sa mit-twaqqif tagħha. Forsi għax kien ħabib ukoll tal-fundatur tagħha Mons. Dr Amante Buontempo. Niftakar li feraħ qatigħ meta ċempiltlu u għarraftu li l-Għaqda kienet għażlitu flimkien ma' poeti oħra bħala wieħed mill-*Membri Onorarji ad vitam* tagħha. Iċ-ċerimonja kienet saret fis-sala ewlenija taċ-Ċentru tal-Arti, Manifattura u Kummerċ, il-Belt fit-18 ta' Mejju 1986 u miegħu kienu nħatru wkoll il-Prof. Ġużè Aquilina, l-avukat George Zammit, Ġorġ Pisani, l-Imħallef Dr Wallace Gulia, Ġużè Chetcuti u Karmenu Vassallo.

Patri Wistin Born miet fil-21 ta' Awwissu 1986. Għas-sehem li ta fil-qasam letterarju Malti kif ukoll lis-soċjetà Maltija u Għawdxija xieraq li din is-sena dan il-kittieb jitfakkar b'mod speċjali. Fil-Kalkara, raħal twelidu, jistgħu jsiru anki xi attivitajiet mill-għaqdiet tal-lokal speċjalment mill-parroċċa u mill-Kunsill Lokali biex dan l-iben denn tagħha jiba' ħaj fil-memorja ta' ħafna li żgur ma jafux biżżejjed dwaru.